5 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Marietta Sacco *versus* Albert Debono et.

**Self — Obligazzjoni tal-Mara Miżżewġa — Nullità — Bżonnijiet tad-Dar — Mandat — Art. 1014 u 1015 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens tar-raġel jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti hija nulla; imma l-kunsens jitqies mogħti mir-raġel lil martu dwar kull konvenzjoni li din tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti, ordinarji u ta' kull-jum.*

*Il-kunsens tar-raġel huwa wkoll ritenut bħala mogħti taċitament meta l-mara tikkuntratta xi obbligazzjoni manifestament vantaġġuża għall-familja; f'liema każ il-mara tobbliga mhux lilha nfisha, imma lir-raġel, bħala preżunta mandatarja taċita tiegħu. Din il-preżunzjoni però tiqa' meta r-raġel ikun jagħti flus biżżejjed lill-martu biex dina tixtri dawk il-bżonnijiet tad-dar bla dejn.*

*Għall-ħlas ta' dejn ta' ġeneri alimentari, il-mara miżżewġa ma tistax tiġi azzjonata qabel ma jkun ġie eskuss inutilment il-patrimonju tar-raġel tagħha.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsuha s-somma ta' £12. 15. 6 bilanċ ta' somma akbar ta' self "brevi manu" magħmul f'diversi okkażjonijiet; bl-imgħax legali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut jissottometti illi s-self magħmul mill-attriċi lill-konvenuta sar mingħajr kunsens u bla awtorizzazzjoni tal-konvenut. F'dan ir-rigward jingħad illi hija liġi espressa li kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens tar-raġel tagħha, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, hija nulla (art. 1014 Kap. 23); imma l-kunsens jitqies mogħti mir-raġel lil martu dwar kull konvenzjoni li dina tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti, ordinarji u ta' kuljum (art. 1015 Kap. 23). Huwa wkoll paċifiku illi meta mara miżżewġa tikkuntratta xi obligazzjoni manifestament vantaġġjuża għall-familja, l-obligazzjoni tagħha għandha tiġi ritenuta bħala kontratta bil-kunsens taċitu tar-raġel; u l-mara miżżewġa, meta hekk tikkuntratta, tobliga mhux lilha nnifisha, iżda lir-raġel, li tiegħu tiġi preżunta taċita mandatarja (Kollez. Vol. XXVI—I—340). Dina l-preżunzjoni tista' taqa' meta r-raġel ikun jagħti flus biżżejjed lil martu biex dina tixtri dawk il-bżonnijiet tad-dar bla dejn. "The presumption of authority may also be rebutted by proof that the wife was sufficiently provided with necessaries, or with an adequate allowance for the purpose of purchasing them" (Halsbury, The Laws of England, Vol. XVI, no. 837, page 422);

Illi f'dan il-każ l-attriċi xehdet li meta l-konvenuta talbitha tislifha l-flus, kienet qaltilha li dawk il-flus riedithom għall-ħajja (fol. 8) u għall-bżonnijiet tad-dar (fol. 18); u din iċ-ċirkustanza tammettiha l-konvenuta, billi hija xehdet (fol. 19 tergo) li hija sselfet dawk il-flus minn għand l-attriċi għall-bżonnijiet tad-dar. Konsegwentement, f'dan il-każ timmilita l-preżunzjoni fuq imsemmija. U dina l-preżunzjoni f'dan il-każ ma tistax taqa' minħabba li l-konvenut kien jagħti lill-konvenuta, kif tgħid din (fol. 19), kull ma jaqla' u kien jgħidilha biex ma tiddejjinx (fol. 26), u li fuq il-lamenti tagħha

illi l-flus li kien jagħtiha ma kienux biżżejjed kien igħidilha biex (għaddi kif tista' (fol. 26). Tabilħaqq, apparti miċ-ċirkustanza li ma jidherx illi l-konvenut kien jagħti kull ma jaqla' lil martu, għaliex hu xehed li jaqla' £5 fil-ġimgħa, u l-konvenuta qalet ripetutament li r-raġel kien jagħtiha £4. 10. 0, u apparti ċ-ċirkustanza l-oħra li l-konvenuti tant ħassew li l-familja tagħhom, huma u sitt itfal, ma setgħetx tgħaddi b'dak li kien jaqla' l-konvenut illi kellhom jimpjegaw lit-tifel il-kbir tagħhom, ta' 13-il sena, li kuntrarjament għal dak li xehdet il-konvenuta (fol. 20 tergo), jiġifieri li dan it-tifel kien jagħtiha huwa wkoll kull ma kien jaqla', jidher ċar li ma kien jagħtiha xejn, għax il-konvenut qal (fol. 25 tergo) li huwa kien jagħti lil dan it-tifel xi ħaġa aktar milli kien jaqla'; huwa fatt illi, kif xehdet il-konvenuta (fol. 20), il-konvenut qatt ma ndaħlilha meta kien jaraha tixtri l-affarijiet lit-tfal. Del resto, il-preżunzjoni fuq imsemmija taqa' biss meta r-raġel ikun jagħti lil martu mhux biss kull ma jaqla', imma meta dak li jkun jagħtiha jkun suffiċjenti u adegwat għall-bżonnijiet tad-dar. U familja ta' tmienja min-nies ma jistax jingħad li hija suffiċjentement provvista fiż-żmienijiet tal-lum, u anki f'dawk ta' meta sar is-self fil-kwistjoni, b'£4. 10. 0 li l-konvenut kien jagħti lil martu;

Illi huwa magħruf fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna illi l-mara miżżewġa ma tistax tiġi azzjonata għall-ħlas ta' dejn ta' ġeneri alimentari qabel ma jkun ġie eskuss inutilment il-patrimonju tar-raġel tagħha (Kollez. Vol. XVIII—II—337), għaliex dejn simili mhuwiex dejn tal-mara, imma dejn tar-raġel, bħala mandant, li hu fl-obligu li jmantni lil martu u lil uliedu (Kollez. Vol. XXVIII—II—405);

Ikkunsidrat;

Illi hemm diverġenza bejn l-attriċi u l-konvenuta rigward l-ammont ta' flus misluf......... Fid-dubju, u minħabba spjegazzjoni soddisfaċenti tad-dokument B (fol. 10), jidher li l-bilanċ dovut lill-attriċi għas-self minnha magħmul lill-konvenuta għall-bżonnijiet tal-familja tal-konvenut għandu jkun dak ta' £11. 5. 6;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi in kwantu diretta kontra l-konvenut limitatament għas-somma ta' £11. 5. 6,

u tiċħadha għall-kumplament; bl-ispejjeż skond ir-rispettiv *rebħ u telf; u in kwantu t-talba hija diretta kontra l-konvenuta*, tilliberа lil dina mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.